# Minuti tat-tnejn u sittin laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter

Il-62 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter saret nhar it-Tlieta, 16 ta' Diċembru, 2014.

Il-laqgħa bdiet fis-6.10 ta' filgħaxija b'talba.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu ċ-*Chairperson* is-Sur Mario Bartolo, il-Viċi-*Chairperson* is-Sur Luciano Farrugia, is-Sur Norman Clews u s-Sur Joseph Agius.

Is-Sur Nicholas Azzopardi kien skużat.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tas-61 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta taċ-*Chairperson* li ġiet issekondata mis-Sur Clews.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Is-Sur Farrugia tkellem dwar Triq Ġdida fi Triq il-Farfett tal-Fejġel u qal illi parti minn din it-triq qiegħda tispiċċa *single lane* u ta' periklu għas-sewwieqa. Is-Sur Farrugia talab li jerġa jitpoġġa l-ħajt li tneħħa mill-kuntrattur waqt li kien qiegħed isir ix-xogħol ta' tarmak.

Dwar il-qasab li hemm ħiereġ minn għalqa fi Triq iż-Żarżarell, is-Sur Bartolo qal li dan jeħtieġ jinqala' kollu biex ma jibqax jinħoloq inkonvenjent u periklu għas-sewwieqa.

Item 4 – Korrispondenza

Ma kienx hemm korrispondenza.

Item 5 – Xogħol tal-Kumitat

Ic-*Chairperson* informa lill-Kumitat illi l-fuljett li kien tħejja issa kien tlesta u fi ftit taljum ser jitqassam lir-residenti ta' St Peter. Ic-*Chairperson* semma s-sistema tat-traffiku fi Triq Dun Salv Sciberras u ppropona li fil-ġimgħat li ġejjin l-Kumitat jikkunsulta marresidenti biex id-dħul għal din it-triq isir biss minn Triq l-Għakrux. Fl-istess ħin għandha ssir konsultazzjoni dwar it-tibdil propost fi Triq is-Sebellika u Triq iz-Zagħrun.

Is-Sur Farrugia semma l-ħtieġa li ssir bozza ġdida fi Triq iż-Żagħrun fuq in-naħa ta' San Leonardu. Huwa talab ukoll li tiġi rranġata ħofra li hemm ħdejn ir-*roundabout* tax-Xgħajra kif ukoll li jsir xogħol ta' *patching* fi Triq il-Werzieq.

Is-Sur Agius informa lill-Kumitat illi l-Perit William Lewis kien ġie fuq is-sit biex tingħata stima biex isiru x-xogħlijiet li qabel fuqhom il-Kumitat fil-laqgħat preċedenti. Is-Sur Agius ppropona li parti minn Triq iz-Zarzarell ssir *one way* u d-dħul ma jibqax isir minn Triq San Leonardu. Ic-*Chairperson* ssekonda lis-Sur Agius u l-Kunsill qabel unanimament li jsir dan it-tibdil b'konsultazzjoni mar-residenti.

Is-Sur Farrugia qal illi fi Triq Alessio Erardi għadu jsir parking bl-addoċċ u s-sewwieqa, inkluz dawk li ġejjin fid-direzzjoni tal-area ta' St Peter, kienu qegħdin isibu ruħhom f'periklu kontinwu. Is-Sur Farrugia filwaqt li talab lill-Kunsill jindirizza din il-problema issuġerixxa li ssir xi forma ta' *central strip* fil-*junction* ta' Triq Alessio Erardi ma' Triq ix-Xgħajra.

Is-Sur Clews tkellem dwar il-ħtieġa li l-ħajt ta' Triq San Leonardu jiġi rranġat f'qasir zmien. Is-Sur Agius qal li l-Perit tal-Kunsill kien qiegħed iħejji stima ta' kemm ser jiġi jiswa lill-Kumitat ix-xogħol li jeħtieġ isir.

Is-Sur Bartolo semma l-possibilita' li s-sena d-dieħla titella kompetizzjoni għall-isbaħ presepju.

Il-laqgħa spiċċat fis-6.50 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fit-63 laqgħa tal-Kumitat li saret nhar il-Ħamis, 15 ta' Jannar, 2015.

Mario Bartolo
*Chairperson*